KUNSILL LOKALI ISLA

IL-ĦAMES KUNSILL

LAQGĦA NUMRU TNEJN U ERBGHIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Hamis 9 ta' Novembru, 2007 fis-6.00pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.00pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.00pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.00pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.00pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 7.10pm |

Uffiċjal Preżenti: Alphonse Zammit - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Udjenza : 0

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti 39, 40, 41
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Sejha ghall-mili ta' vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv
4. Rapport Progett Qualicities
5. Rapport Ground tal-Football
6. Approvazzjoni w iffirmar ta' pagamenti w ordnijiet

## 42 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

42(1) 1 Il-Kunsill kellu l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill nru 39 u 40 ghall-approvazzjoni. Minhabba li ma kienx hemm prezenti Kunsilliera bizzejjed li kienu prezenti f'dawn il-laqghat dawn ma setghux jigu approvati.

42(2) 2 Il-Minuti tal-laqgha nru 41 ma kienux ghadhom lesti u ghalhekk ghandhom jigu mressqa ghall-approvazzjoni fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

## 42(2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta' rendikont tal-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

42(2) 1 **It-Terminazzjoni ta' mpieg tal-Iskrivana fl-ufficcju Amministrattiv tal-Kunisll**

Is-Sindku Joseph Casha ghamel kuntatt mal-ETC u kellem lis-Sur Raphel Scerri, ufficcjal gholi fl-ETC. Is-Sur Scerri informa lis-Sindku li ga la darba din l-impjegata iffirmat it-Termination of Employment Form u giet approvata mill-Kunsill, din l-impjegata ma tkunx tista tahdem in-notice period wara din id-data.

Bi ftehim mal-Kunsill, din l-ex impjegata lesta li taghti servizz minghajr hlas.

42(2) 2 **Xoghol ta' Volontarjat fl'Isla minn tobba li sejrin jaghmlu Konferenza f'Malta f'Jannar 2008**

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Ezekuttiv kellhom laqgha mas-Sur Mario Borg (12 ta' Ottubru 2007) mill-kumpanija AGL. Dawn kull sena jiehdu hsieb l-organizzazjoni tal-konferenzi Internazzjonali. F'Jannar 2008 grupp internazzjonali ta' tobba sejrin jaghmlu konferenza ta' 5 ijiem. Huwa wrew ix-xewqa li waqt li jkunu f'din il-Konferenza jaghmlu xoghol ta' voluntarjat fil-komunita'. Din il-kumpanija AGL xtaqu li dan il-volontarjat isir fil-Kottonera.

Is-Sur Borg gie imdawar mal-limiti tal-Isla u gew indikati il-postijiet ta' fejn jista jsir dan ix-xoghol ta' voluntarjat. Huwa mahsub li dan ix-xoghol isir fis-17 ta' Jannar 2008. Qabel isir dan ghandha tigi raprezentanta biex tevalwa l-proposti indikati.

42(2) 3 **Laqgha mas-Sur Alfred Schembri (17 ta' Ottubru 2007)**

Din il-laqgha kienet dwar stima ta' equipment li hemm bzonn jinbidel fil-play Area. Din l-istima hija mehtiega in konnessjoni max-xoghol ta' Voluntiera li

qed jigi propost li jsir mill-Kumpanija AGL. Dawn lesti jaghtu donazzjoni ghall-ispejjes li jistu jsiru.

42(2) 4 **Programm – Attivita Rigal lill-Anzjani**

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqgha mas-Sinjura Janice Briffa bil-hsieb li din tiehuhsieb thejji u tiehu hsieb l-entertainment u programm ta' varjeta waqt l-Attivita Rigal lill-Anzjani (26 ta' Dicembru 2007).

42 (2) 5 **Laqgha mal-Ispettur Anthony Cassar (26 ta' Ottubru 2007)**

Ghal din il-laqgha kien hemm prezenti is-Sindku Joseph Casha u l-Vici Sindku Walter Ahar. Din il-laqgha kienet dwar iil-problemi li qed jiffaccja dan il-Kunsill rigward Pjazza Dun Mario Ingwanez.

42 (2) 6 **Vizjoni dwar ir-Regenerazzjoni tal-Port il-Kbir (6 ta' Novembru 2007)**

Saret laqgha mas-Sur Mark Vella dwar dan is-suggett. Prezenti kien hemm is-Sindku Joseph Casha, u l-Kunsilliera kollha, flimkien ma xi membri tas-Sotto Kumitat konsultattiv Joe Scerri u Joe Robinich

Il-Kunsill ghamel il-kummenti tieghu kemm pozittivi u kemm fejn il-Kunsill kien qed ikun preokkupat dwar problemi li dan il-progett setgha jikkreja fil-lokalita' tal-Isla.

Il-Kunsill kellu jibghat il-kummenti tieghu dwar dak li gie diskuss sat-12 ta' Novembru 2007.

42 (2) 7 **Korrispondenza mibgħuta u rċevuta mis-7 ta' Settembru – s-26 ta' Novembru 2007 u mis-26 ta' Settembru 2007 sa 8 ta'Novembru 2007**

| | |
|---|---|
| **04/2108/07/I** | Id-Dipartiment Gvern Lokali ifissru lill-Kunsill li l-Kunsill gie mwahhal multa ta' Lm 200 minhabba li dan ma baghatx il-Minuti tal-laqghat tal-Kunsill. |
| **04/2110/07/I** | Twegiba mill-Kunsill lid-Dipartiment Gvern Lokali dwar il-qaghda finanzjara tal-Kunsill ghas-sena finanzjara li ghaddiet. |
| **04/2125/07/I** | Risposta minghand id-Direttur Gvern Lokali dwar talba biex nahtru Deputat Segretarju. |
| **04/2127/07/I** | E-mail minghand Gemma Debono ghall-Kunsill Lokali dwar id-devoluzzjoni tal-Ground tal-Football biex naghtuhom Plan P.D. 144 2000. |
| **04/2134/07/I** | E-mail minghand Silvio Frendo dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. 27300 dwar min huma l-Konsulenti tal-Kunsill. |
| **04/2171/07/I** | E-mail mill-ETC minghand Raphael Scerri dwar il-PermitNumber 213/2007 |

| | |
|---|---|
| | sabiex nohorgu l-applikazzjoni ghas-Segretarju Ezekuttiv 9/10/07. |
| **04/2208/07/1** | E-mail minghand Joe Scerri dwar l-istedina li kellna mir-Regjun ta' Abbruzzo fejn qal li fl-opinjoni tieghu dan il-progett mhux vijabbli ghall-Kunsill. |
| **04/2251/07/I** | E-mail mid-Dipartiment Kunsilli Lokali dwar Memo 12/2007 dwar VAT imhallsa mill-kunsill Lokali li l-Kunsill ma bghatx din l-informazzjoni. |
| **04/2269/07/I** | E-mail minn Romina Scerri ghad-Direttur Gvern Lokali b'referenza ghall-email tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2007.<br><br>Ghaziz Sur Casha<br><br>Naghmel riferenza ghall-email tieghek tat-8 ta' Ottubru 2007.<br><br>Gentilment ninfurmak li ghalissa s-Sur Alphonse Zammit ghandu jibqa Deputat Segretarju Ezekuttiv sakemm jinhatar is-Segretarju Ezekuttiv il-gdid. Fl-eventwalita' li s-Sur Zammit ikun imsiefer, il-Kunsill ghandu jgharraf lil dan id-Dipartiment sabiex ikun jista' jinhatar Agent Segretarju Ezekuttiv.<br><br>Inselli ghalik |
| **04/2343/07/I** | E-mail minghand Daniela Xuereb dwar korsijiet li se jsiru fil-Kunsill dwar il-bidla ghall-Ewro. |
| **04/2350/07/I** | E-Mail mid-Dipartiment tal-Ambjent dwar inizjattiva Clean Up the World 2007. |
| **04/2355/07/I** | Mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Seminar Eurosparks li sa ssir fit-23 ta' Novembru 2007 biex nibghatu rapprezentant. |
| **04/2398/07/I** | Ircevejna stedina mill-Kunsill ta' Cassino dwar progett 'European Citizens Together for Peace Culture and Democracy li sa ssir mal-Ibliet imsiehba. |
| **04/2406/07/I** | Talba ta' Maria Compagno biex taghmel uzu mis-Sala tal-Kunsill fis-6 ta' Novembru 2007.<br><br>Din it-talba ma tistghax tigi milquha. |
| | E-mail mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali Silvio Frendo<br><br>Billi s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill tieghek wasal biex jispicca, infakkrek illi skond il-Proceduri dwar il-Kunsilli Lokali (Verifika), il-Kunsill ghandu jitlob lill-Awditur Generali biex jaghmel Mid-Term Audit. Ghaldaqstant jekk dan ghadu ma sarx, mitlub tiehu l-passi necessarji biex dan l-audit isir mill-aktar fis possibbli. |
| | Gemma Debono Monitoring Unit biex nibghatu Quarterly Report tar-raba' kwart 2006/2007 Jan-Mar u l-ewwel kwart April-Gunju 2007. |
| | Alfred Armeni Assistent Direttur Kunsilli Lokali iridu b'urgenza taghrif dwar xi progetti li saru fil-Kunsill bl-intervent tal-Gvern Centrali jew bi shab bejn Kunsill Lokali u Gvern Centrali. |

## 42 (3) Sejha ghall-Mili ta' Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv fil-kunsill Lokali Isla

Nota : Il-Kunsilliera Charmaine Gerada dahlet ghall-laqgha tal-Kunsill (Hin 7.10 pm)

42(3) 1 Il-Kunsill qabel li johrog Avvizi Pubblici f'erbgha gazetti biss. Dan l-Avviz ghandu jidher darba biss f'dawn il-Gazzetti : l-Orizzont, In-Nazzjon, The Sunday Times u Independent on Sunday.

42(3) 2 Il-Kunsill qabel li l-Bord tal-Ghazla jkun maghmul mill-istess membri li kellu l-Bord tal-Ghazla ghall-mili ta' vakanza ta' Skrivan/a fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill.

42(3) 3 Dan il-Bord tal-Ghazla ghandu jaghti Rapport tal-hidma u d-decizjoni tieghu lill-Kunsill.

## 42 (4) Rapport Qualicities

Dan ir-Rapport sar mill-Kunsilliera Charmaine Gerada u minn Joe Scerri (Kumitat Konsultattiv) li tnejn li kienu attendew ghall-Konferenza tal-Qualicities f'Budapest Ungerija.

42(4) 1 Saret diskussjoni fuq dan ir-Rapport. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ta' l-verzjoni tieghu dwar dak li sehh mill-bidu tal-progett sa din l-ahhar konferenza fejn stqarr li r-Rapport fih certu inezattezzi ma dak li gara fil-verita. Dawn l-inezattezzi ma kienux fir-Rapport taz-zewg membri li attendew fil-konferenza imma dwar l-intepretazzjoni li taw kif sehhew l-affarijiet

Il-Kunsill sejjer jiehu dawk il-passi kollha mehtiega biex dak li hu dovut finanzjarjament lill-Kunsill isir.

Nota : Il-Kunsilliera Charmaine Gerada irtirat mill-laqgha tal-Kunsill fit-8.30pm.

## 42 (5) Ground tal-Football

Ghalkemm il-Board li kien inhatar biex jifli l-proposti ta dawk li kienu interessati fil-progettt ta' Public-Private Partnership, ir-Rapport baqgha ma' tlestiex mill-perit Ludwig Micallef.

42(5) 1 Ghaldaqstant il-Kunsill hatar Bord gdid biex jistharreg il-proposti tat-tlett entitajiet li kienu interessati fis-Sejha tal-Kunsill.

Dan il-Bord kellu jkun maghmul minn tlett membri li huma Raymond Camilleri, Lawrence Mizzi u bhala Chairman Stephen Perici flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

## 42 (6) Approvazzjoni ta' Hlas ta' Pagament

Il-Kunsill kellu approvazzjoni ta' hlas ta' pagament li jammonta ghas-somma ta' Lm 17,679.37.

42(6) 1 Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-kunsillier Reno Chircop, il-kunsill approva dawn il-pagamenti.

Il-Laqgha intemmet fid-9.38pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Deputat Seġretarju Eżekuttiv